MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 842/2004

***Transmec Services Limited***

***Versus***

**Joseph Mallia Bonello**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tnax-il elf, ħames mija u ħames liri u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm12,505.47) – daqs disgħa u għoxrin elf, mija u disgħa u għoxrin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€29,129.91) – bilanċ ta' somma akbar prezz ta' materjal tal-bini mibjugħ u konsenjat lill-konvenut. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu 2004 u ta' mandat ta' sekwestru ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni, u l-imgħax mit-30 t'Awissu 1999 fuq is-somma ta' sebat elef, disa' mija u erbgħa u sebgħin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm7,974.16) u mill-21 t'Ottubru 2002 fuq is-somma ta' erbat elef, ħames mija u wieħed u tletin lira u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm4,531.31).

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. l-azzjoni tas-soċjetà attriċi waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-artt. 2148(*a*) u 2149(*a*) tal-Kodiċi Ċivili; u
2. il-konvenut kien ħallas kollox għax kien iħallas ta' kull konsenja hekk kif issirlu l-konsenja.

L-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni kienu miċħuda b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 2007.

Fid-19 ta' Frar 2008 il-kawża kienet differita għall-24 t'April 2008 sabiex tinstema' x-xiehda tal-partijiet, b'dan illi l-ewwel kellha tinstema' x-xiehda tal-konvenut dwar il-ħlas.

Fl-24 t'April 2008 il-konvenut ma deherx u ma ressaqx xiehda. Il-qorti għalhekk, wara li rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2008, qieset magħluqa x-xiehda tal-konvenut u, wara li semgħet ix-xiehda tas-soċjetà attriċi, iddifferiet il-kawża għallum għas-sentenza.

Id-dokumenti u mix-xiehda fil-proċess juru illi tassew illi s-soċjetà attriċi għamlet konsenji lill-konvenut, waqt illi ma nġiebet ebda xiehda illi l-konvenut ħallas dak kollu li kellu jagħti. Għalhekk saret il-prova illi l-attriċi tassew għandha tieħu dak li qiegħda titlob fiċ-ċitazzjoni.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi disgħa u għoxrin elf, mija u disgħa u għoxrin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€29,129.91), flimkien ma' l-ispejjeż kollha u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------